MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 73/2008/1

**Onor David Agius**

**vs**

**Aleks Farrugia u b'digriet ta' din il-Qorti ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2008 Alfred Briffa gie imqieghed barra l-kawza**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Marzu, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat r-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha (4) ta' Frar 2008, permezz ta' liema l-attur talab lil Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-artikolu intitolat '*David Agius: iva hemm il-korruzzjoni fil-PN*' ippubblikat fl-ewwel faccata tal-

harga tal-gazzetta 'It-Torca' (Dok. A) li taghha huwa l-konvenut Aleks Farrugia huwa l-Editur u l-konvenut Alfred Briffa l-editur de facto huwa malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur u ghandu bhala skop li jtellef jew inaqqas r-reputazzjoni tieghu u (2) thallsu dik s-somma li tiddetermina din l-Qorti bhala danni morali a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap 248.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat r-risposta tar-rikorrenti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta' Marzu 2008 fejn eccepew:

"1. Illi ghal harga tat-'TORCA' msemmija kien responsabbli Aleks Farrugia w ghalhekk l-esponenti Alfred Briffa ghandu jitqieghed barra l-kawza.

2. Illi l-esponenti wasslu lil pubbliku '*fair informationon a matter of public interest as contrasted with an interest which is due to idle curiosity or a desire for gossip*' – Gatley kif kkwotat b'approvazzjoni f'App Civ 382/91GCD **Dr. Austin Gatt noe vs Onor Tony Nicholl** dec 06.10.99. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ziedet li:-

"Hi tal-fehma li din l-Qorti li l-editur tal-gurnal kien obbligat li jwassal, fil-qadi tad-doveri tieghu li jipprovdi servizz ta' ahbarijiet, li jkun qed jigri fil-hajja pubblika tal-pajjiz"

3. Differenti kien ikun il-kaz kieku t-taghrif ma kellu ebda 'informational value whatsoever for society' (**ECHR Katamadze vs Georgia** – no 69857/01 dec 14.02.2006)

4. Illi 'n segwitu ghal inseriment fil-Kap 248 tal-Parti VI taht r-ras 'JOURNALISTIC FREEDOMS'

permezz tal-Att X tal-1996 il-ligi kkonnoxxiet specifikament '*the importance of the role of the media in a democratic society*'. Dan b'kuntrast ma dak li kien jinghad qabel fil-gursprudenza taghna li l-gurnalist ma kien, waqt li qed jaghmel xoghol, xejn izjed u xejn inqas minn cittadini ohra. L-esponenti bil-kitba/taghrif in kwisjtoni ma ghamlu xejn aktar hlief qdew d-dover taghhom f'socjeta demokratika.

5. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."

Rat il-verbal registrat fl-atti nhar l-24 ta' Gunju 2008 fejn il-konvenuti ghamlu referenza ghall-ewwel eccezzjoni taghhom u coe li Alfred Briffa ghandu jitqieghed barra l-kawza.

Rat d-digriet taghha tal-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2008 (fol. 11) fejn Alfred Briffa kien mitqieghed barra mill-kawza u dan stante li l-attur, b'referenza ghal ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma kellux oggezzjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2008 xehed **l-attur l-Onorevoli Membru Parlamentari David Agius** (fol. 13 et seq) fejn ghamel referenza ghal artikolu li deher fil-faccata ta' quddiem fil-gazzetta 'It-Torca' nhar t-tlieta (3) ta' Frar 2008, liema artikolu huwa ntitolat '*David Agius, iva hemm l-korruzzjoni fil-PN*', liema dokument jinsab esibit a fol 2 bhala Dok. A. Qal li fil-fatt hassu malafamat ghaliex l-allegat diskors li gie rappurtat li ntqal minnu, qatt ma fil-fatt qalu. Qal li fil-fatt kienet diehla l-kampanija elettorali u li fil-fatt kienu qlajjiet li kienu qed isiru bi skop li jhammgu l-integrita tieghu.

Spjega li waqt il-Programm 'Ir-Realta' huwa kien qal diskors fis-sens li fejn ikun hemm xi hjiel ta' korruzzjoni, hu bhala attur, kien jinsisti li jittiehdu xi

passi. Ikkonferma ukoll li Joe Said qatt ma kien qal li l-attur stqarr li kien hemm xi korruzzjoni fil-Partit Nazzjonalista. Ikkonferma li fuq dan il-programm kien hemm ukoll mistieden Joe Said. Zied jghid li hu kien presenti ghal dan l-programm u li sussegwetement din l-istorja li dehret fit-'Torca' li hija inveritiera giet rappurtata f'gazzetti ohra kif wkoll f'din il-gazzetta u saru libelli ohra minnu.

Illi nhar l-hdax (11) ta' Dicembru 2008 xehed **l-konvenut Aleks Farrugia** (fol. 19 et seq) fejn qal li hu kien qed isegwi programm li semgha fuq 'Smash Television' fejn fuqu kienu qed jippartecipaw certu Joe Said kif wkoll l-attur. Qal li wara dan l-programm, xi hadd laqqghu ma Joe Said fejn tkellmu a fondo dwar dak li allegatament kien intqal fil-programm. Qal li fil-programm pero Joe Said ma tkellimx dwar l-attur di persona, izda tkellem biss fuq kazijiet skorretti minn naha tal-gvern.

Zied jghid li Joe Said ras imb'ras qallu li kien tkellem mal-attur wara fil-cafetteria 'Seracino' f'H'Attard meta kienu t-tnejn wahedhom. Qallu wkoll li dwar dak li kien qallu l-attur, huwa stess kien kiteb *e-mail* lil Prim Ministru. Ix-xhud zied jghid li dan kellu wkoll xi telefonata rekordjata iktar tard bejnu (bejn Joe Said) u bejn l-attur. Ix-xhud kompla jghid li hu qal lil Joe Said li ma kienx f'posizzjoni li jimxi fuq dawk l-insinwazzjonijiet u qal lil Joe Said jekk kienx lest jghid dak li qallu b'mod aktar konkret permezz t'affidavit u Joe Said kien irrispondih li kien lest jaghmel dan u fil-fatt hekk ghamel, ghamel affidavit, jekk ma kienx sejjer zball ghand l-Avukat Joe Mifsud.

Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement ghamel *follow up item* w imxew fuq l-interrogatorju u cioe l-istqarrija li kien irrilaxxja l-istess Joe Said lil Pulizija Ezekuttiva. Mistoqsi jekk kellux f'idejh l-affidavit qabel ma ppubblika dan l-artikolu jew jekk gie ghandu wara, wiegeb li ma kienx jiftakar. Zied

jghid li l-affidavit pero kien ghadu ghandu u kien lest jesibih fis-seduta li jmiss.  Zied jghid li llum il-gurnata Joe Said kien ghaddej proceduri kriminali fuq dak li qal.

Illi nhar l-hamsa (5) ta’ Marzu 2009 xehed **l-Ispettur Angelo Gafa** (fol. 29) fejn qal li hu kien gie mitlub sabiex jesibixxi stqarrija li kien irrilaxxja Joe Said in konnessjoni  m’investigazzjoni li kien qed jaghmel, liema stqarrija giet rilaxxjata nhar l-ghoxrin (20) ta’ Frar 2008.  Ix-xhud esibixxa vera kopja tal-istess, peress li l-original tinsab esibita fl-atti ta’ procedura kriminali li tinsab sub judice, bhala Dok. AG (fol. 30 et seq).

Illi nhar l-hamsa (5) ta’ Novembru 2009 xehed **Joe Said** (fol. 52) fejn qal li jekk ma kienx sejjer zball, nhar t-tlettax ta’ Jannar 2008, hu kien deher fuq programm ta’ ‘Smash Television’ presentat minn certu Brian Hansford u mieghu kien hemm l-Onorevoli Helena Dalli, l-Onorevoli David Agius kif wkoll Sandro Chetcuti.  Qal li f’dan il-programm kien gie diskuss l-andament tal-amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista, il-gvern tal-gurnata. Ftakar li dakinhar, appena hareg mir-*recording*, kienu qed jitkellmu fl-inhawi  Sandro Chetcuti, Helena Dalli, Joe Baldacchino u Brian Hansford spjega pero  li l-attur ma kienx hdejhom peress li kien fil-karozza tieghu.  Qal li l-attur beda javvicinah ghal darba darbtejn billi johrog mill-karozza tieghu u jistaqsih jekk kienx jaf xi haga dwaru u jghidlu ‘*ghidtli x’taf fuqi*’.

Qal li hu lil attur kien jafu hafna u quddiem in-nies l-attur kien jindirizzah bhala s-Sur Said.  Ftakar li dakinhar kien daqsxejn  *sheepish* wkoll.  Qal li s-soltu l-attur jghajjatlu Joe.  Spjega li fil-filmat li kien hemm kien qed jissemma li kien hemm korruzzjoni fl-amministrazzjoni tal-gvern b’mod generali u waqt il-programm sar xi diskors dwar l-*lecturers* tal-Universita fis-sens li jkunu aktar puntwali u jaghtu aktar attenzjoni lil istudenti u naturalment

f'dan il-programm, l-attur irribatta kull haga li kienet negattiva fuq il-gvern.

Qal li waqt l-programm speci bid-dahqa qallu '*issa nigi ghalik David*' u dak l-hin qisu deher daqsxejn *shaken*. Qal li ghalhekk meta l-attur mar fuqu fil-*parking* aktar tard, hu mmagina li kien b'riferenza ghal dak li kien qallu hu (x-xhud).

Kompla jghid li l-attur kien baqa jistaqsih wara l-programm sabiex jiltaqghu u l-attur kien cempillu l-ghada u l-pitghada u qallu li kien ikun ahjar li jitkellmu. Ix-xhud qal li peress li hu minn H'Attard bhal l-attur, kienu ltaqghu fil-fond maghruf bhala 'Seracino' w ghamlu xi tlett kwarti jew siegha jitkellmu u fost l-affarijiet li tkellmu fuqhom, l-attur kien semmihlu xi kazijiet ta' korruzzjoni u meta hu (ix-xhud) qallu '*possibbli fil-programm ma semmejt xejn dwar korruzzjoni?*' l-attur wiegbu 'iva, imma dak fuq t-*television* Joe'. Ix-xhud zied jghid li hu qallu '*Mela David Agius fuq t-television hu wiehed u David Agius di viso personalment huwa iehor?*' u l-attur qallu li veru li kien hemm korruzzjoni fil-gvern u semmihlu zewg minn nies involuti fil-korruzzjoni u cioe  lil George Pullicino u lil Tony Abela. Qal li fil-fatt hu kien qal lil attur '*mhux qed nghidlek taqsam l-kamra, the least you could do tmur tiddenunzja l-korruzzjoni b'mod generali*'.

Qal li fil-fehma tieghu l-attur kien johrog ta' politiku ahjar. Kompla jghid li l-attur kien qallu wkoll li ma kienx hemm bini kontra l-ligi Fort Cambridge u hu (ix-xhud) kien baqa' li kellu jnehhi xi ritratti ta' dan il-bini llegali u fil-fatt kellhom jiltaqghu xi gimgha wara pero m'iltaqghux. Qal li l-gimgha ta' wara, fit-'Torca', kien hemm xi artikolu bil-kliem "Iva fil-PN hemm il-korruzzjoni". fih deher l-attur. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, kienet qed issir referenza ghal programm 'Smash' w imbaghad kien kellem lid-Direttur tat-'Torca' biex jara fuq x'hiex kien l-artikolu, sabiex jitkellem proprju fuq dan l-artikolu u dakinhar inhareg d-diskors li hu (x-

xhud) fil-fatt kellu mal-attur meta kienu ltaqghu qabel ghand ‘Seracino’.

Zied jghid li wara li hu kien tkellem ma Aleks Farrugia, fit-‘Torca’ tat-tlieta (3) ta’ Frar 2008, kien deher artikolu fil-gazzetta ‘In-Nazzjon’ tal-erbgha (4) ta’ Frar 2008, li esibixxa kopja tieghu bhala Dok. S (fol. 62) fejn f’dan l-artikolu hemm miktub li fil-fatt fil-gazzetta tal-General Workers Union kienet ghamlet gidba u dan b’riferiment ghal artikolu ntitolat ‘David Agius, iva hemm l-korruzzjoni fil-PN’ u cioe dak esibit a fol 2 tal-atti bhala Dok. A.

Ix-xhud ikkonferma l-konversazzjoni li kellu ma l-attur u zied jghid li dak li effettivament irrapporta lil Aleks Farrugia hija l-verita. Qal li meta tkellem ma Aleks Farrugia, wara li gara dan kollu, kien qallu li kien dispost li johrog b’affidavit u esibixxa kopja tal-affidavit li hu kien ta lil Aleks Farrugia bhala Dok T. Qal li dan l-affidavit hu ghamlu proprju wara li kienu gibdulu l-attenzjoni ghal dan l-artikolu li deher fin-‘Nazzjon’. Qal li hu hass li hija stramba kif l-attur rega’ bdielu u qal li mhux minnu dak li kien qal lilu. Qal li dak li rrapporta Aleks Farrugia fil-gazzetta ‘It-Torca’ mmarkat bhala Dok. A tat-tlieta ta’ Frar 2008 huwa minnu u dak kollu li dan kien stqarr, kienu qalulu hu. Qal li setgha kien il-kaz li hu uza l-kelma ‘aggornament’ uzata f’dan l-artikolu li hu (ix-xhud) ma kienx qal u li kellha tkun ‘parlament’.

Spjega li hu sussegwentement kien cempel lil attur biex jara ghaliex kien rega’ bdielu u qal li mhux minn dak li kien qal lilu pero ma rrispondihx l-attur. Qal li hu kien mar jistaqsi ghal attur ghand ‘Seracino’ u fil-fatt kienu qalulu fejn joqghod u meta mar ihabbat l-bieb, l-attur m’irrispondihx u haseb li l-attur kien qed jevitah sabiex idawwar kollox. Qal li sussegwentement hu kien mar ghal xi laqghat tal-partit nazzjonalista bhala attivist u anke f’dawk l-okkazzjonijiet l-attur kien jevitah.

Ikkonferma li wara ftit jiem l-attur kien cempillu u peress li hass li l-attur kien qed igiddbu, ghamel *recording* tat-telefonata, ta' liema *recording* esibixxa kopja bhala Dok. Z 1. Spjega li t-telefonata tieghu nqatghet hesrem u ha l-impressjoni li t-telefon tieghu, dak iz-zmien kien itteppjat.

Ix-xhud kompla jghid li kien hu stess li mar ghand l-pulizija ghaliex meta ra li l-attur kien qed idawwar l-affarijiet, irrapporta l-kaz tieghu lil pulizija jew fit-tlieta (3) jew l-erbgha (4) ta' Frar 2008 ghaliex hass li meta tkellem ragel ma ragel b'ghajnuna li jevitah, ma gara xejn pero wara dak li jkun jghid li hu kien qed jigdeb, hass li ma kellux jibqa wahdu peress li kien semmihlu xi nies nvoluti f'korruzzjoni u kellu jaqsam dik l-informazzjoni ma haddiehor u kien ghalhekk li mar ghand l-pulizija u hadilhom xi kopji tal-*e-mails* li kellu. Qal li sussegwentement l-pulizija bdew jinvestigaw lil Onorevoli George Pullicino u lil Toni Abela u dak li l-attur kien qal lilu. Qal li hu kien irrilaxxja stqarrija guramentata fil-presenza ta' martu li tinsab esibita bhala Dok. AG a fol 30 et seq tal-atti.

**In kontr'ezami** x-xhud qal li lil l-attur kien jafu ghaliex johrog fuq d-disrett tieghu w anke kien kunsillier H'Attard. Qal li kien anke sahansitra hareg xi spejjez ghal bankina quddiem d-dar tieghu u kien tkellem mal-attur dwar dan. Qal li kien iltaqa' mieghu u darba minnhom anke f'Kastilja l-ghada li n-nazzjonalisti kienju rebhu l-elezzjoni. Zied jghid li darba minnhom l-attur kien gab artikolu li hu (x-xhud) kien kiteb fuq il-partit u tkellmu fuqu u kellhom diversi nkontri ohra.

Cahad dak li gie suggerit lilu li hu kien talab li jiltaqa mal-attur ghand 'Seracino' biex jheddu u jghidlu li jekk l-attur ma jaqsamx l-kamra hu (x-xhud) kien ser jikxef l-fatt li huwa kien wehel fl-ezami tal-Universita. Cahad li kien qallu tali diskors. Qal li proprja l-attur mhux wehel izda

kkopja fl-ezamijiet. Qal li pero veru kien hemm din r-referenza ghaliha fid-diskursata li kellhom ghand ‘Seracino’. Qal li ltaqghu ghand ‘Seracino’ ghaliex l-attur xtaq dan w is-suggett tal-ezamijiet fejn huwa nqabad jikkopja, kien qajjmu hu. Qal li l-attur sussegwetement kien qallu ‘*li jaqghu fuq l-universita?*’ u hu wiegbu ‘*dan int qed tghidu*’. Qal li kien l-attur stess li semma li kellu xi problemi l-universita. Qal li fil-fatt kien qal lil attur li jekk dawk l-affarijiet jeffettwaw lilu jew lil familja tieghu jew lil karriera tieghu, dawn l-affarijiet ghadda u ma kien hemm xejn x’jista jirranga u fil-fatt din il-konversazzjoni mietet. Qal li l-attur kien qallu wkoll li l-kliem jaqghu fuq l-universita u hu (x-xhud) kien dar fuq l-attur u qallu ‘*int qed tghidu David*’. Qal li fil-fatt din kienet diga kwistjoni pubblika, din ta’ David Agius.

Zied jghid li l-attur kien qal li kien hemm kazijiet fejn kienu nvoltu dawn iz-zewg Ministri George Pullicino u Toni Abela w ghaddew xi affarijiet lil Parlament, lil Kabinett u hu (ix-xhud) kien qal lil attur ‘*ieqaf, tghidlix aktar*’. Qal li lilu ma jinteressahx fuq George Pullicno u Tono Abela. Qal li hu kien mar ikellmu l-attur u talbu l-parir tieghu u hu ghamel l-almu tieghu sabiex jghin lil attur.

Mistoqsi ghaliex hu kien baghat xi *e-mails* lil attur w anke kien mar ifittxu wara l-bieb tieghu u cempilu, wiegeb li kien ghamel hekk ghaliex l-attur kien mar ifittxu, iltaqa mieghu u meta tkellmu, kien deher sincier. Qal li kellu jurih xi ritratti tal-bini llegali Chambray li l-attur stess kien qallu dakinhar mhux veru. Qal li meta ra li l-attur kien qed jiskartah, u jbiddel l-istorja, dehrlu li kellu jkellmu. Qal li hu kien insista mal-attur li jara dawk r-ritratti ghaliex lilu (lix-xhud) kien qed igiddbu fil-konversazzjoni, li mhux veru li kien hemm bini llegali, u hu (x-xhud) ried jurih li ma kienx giddieb. Qal li ma deherlux li kellu jiskannjhom u jibghathomlu *e-mail*, dehrlu li kelllu jil’taqa mieghu

peress li kien qed igiddbu. Qal li dehrlu li l-attur kellu jiddenunzja l-korruzzjoni b'mod generali fil-parlament. Qal li sussegwentement wara li mar ghand l-pulizija jirrapporta dak li kien gara, kienet daret montatura kontra tieghu u kien ra fil-gazzetti li '*MP goes to police to report…*'

Rat wkoll l-affidavit ta' **Joseph Said** ppresentat seduta stante nhar l-hamsa (5) ta' Novembru 2009 (fol. 60 et seq).

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2010 rega' xehed **Joe Said** (fol. 66) fejn qal li l-programm li hu kien deher fuqu fuq 'Smash Television' kien nhar l-erbatax ta' Jannar u mhux tlettax u li l-presentatur kien Brian Hansford. Qal li meta hareg r-*recording*, kienu ghadhom qed jitkellmu hdejn l-i*studios* u hu kien qed jitkellem ma Brain Hemsford fost nies ohra. Qal li b'referenza ghat-tieni pagna tax-xhieda tieghu fejn qal li hu wkoll minn H'Attard, dan qalu ghaliex hu jghix H'Attard. Qal li fir-raba paragrafu fejn hemm imsemmi l-gimgha ta' wara, fil-fatt kien l-Hadd. Qal li l-kliem li kien hemm fuq t-'Torca' kienu "*J'Accuse*". Qal li fir-rigward tat-tieni paragrafu a fol. 3 tax-xhieda tieghu, fejn hemm miktubn 'jista jkun li jien l-kelma aggornament uzata f'dan l-artikolu m'ghidthiex' dan ghandu jsegwi 'u kellu jqum fil-parlament'. Qal li l-kelma 'attivist' fit-tielet paragrafu a fol. 3, m'ghandhiex tkun hemm, izda ghandu jkun hekk l-kelma 'cittadin'. Qal li meta hass li l-attur kien qed igiddbu, ghamel *recording* ta' telefonata ohra. Qal li fil-hames paragrafu tar-raba faccata fejn hemm l-puntini, din ghandha tinqara li hu rrapporta dawn il-kazijiet ta' korruzzjoni kif wkoll fuq xi *e-mails* lil pulizija. Qal li naturalment, meta hu kien qed jaghmel r-rapport tieghu, ha kopja ta' dawn l-*e-mails* mieghu, kemm *electronically* kif wkoll *by hand*. Qal li fil-kontr'ezami, fl-ewwel paragrafu, fejn hemm il-kelma 'bankina' fit-tielet linja, din kienet quddiem d-dar tieghu (tax-xhud). Qal li fis-sebgha linja,

wara l-kelma ‘nkontri’ ghandu jkun hemm wkoll l-kelma ‘qabel’ u fit-tielet paragrafu a fol. 55, l-affarijiet li ghaddew kienu fil-kabinett u mhux fil-parlament.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Jannar 2010 xehed **George Caruana** (fol. 68) ghan-nom w in rappresentanza tad-Direttur tas-Servizzi Socjali, fejn qal li hu kien gie mitlub jaghti x’pensjoni kien qed jircievi Joe Said mid-Dipartiment w ghalhekk esibixxa dan d-dokument bhala Dok. CSH. Qal li dan jindika li Joe Said kien qed jircievi Pensjoni tal-Invalidita b’effett mit-tnejn (2) ta’ Settembru 2006 u li kien ghadu jiricievi dan sa dakinhar li kien qed jixhed. Qal li Joe Said kien gie nvistat minn Bord Mediku fil-hmistax (15) ta’ Gunju 2006. Qal li Joe Said kien stqarr maghhom li kien ibati minn depressjoni u li kien jinsab taht kura psikjatrika. Qal li d-dipartiment kien issuggerixxa li dan jigi *revised* wara sitt xhur. Spjega li f’Jannar 2007, Joe Said kien rega’ gie ezaminat mill-Bord Mediku u gie definit li huwa jbati minn “*anxio-depressive state*” u gie deciz li jinghata l-Pensjoni tal-Invalidita ghal perjodu ta’ tlett snin. Qal li dawn t-tlett snin skadew f’Gunju 2009 u Joe Said kien rega’ applika u l-Bord Mediku kien iddecieda hekk:- ‘*his psycho-social condition Mr. Said is not considered suitable for full time or regular time employment. It is therefore recommended that due to this condition, Mr Said is awarded an invalidity pension for a further one year*.’ Qal li ghalhekk Joe Said ghandu jerga jidher quddiem l-Bord f’Lulju 2010.

**In kontr’ezami**, mistoqsi jekk il-*file* in kwistjoni hux *available* lic-cittadin komuni, wiegeb li bil-permess tad-Direttur Generali l-*file* jista jintwera. Qal li naturalment, l-informazzjoni li ghandu d-Dipartiment ma hiex *easily accessible* lic-cittadin peress li hemm d-*data protection* pero nies impjegati tad-Dipartiment, ghandhom access ghalihom.

Ikkunsidrat:-

Jinghad li l-azzjoni ta’ libel mahsuba fil-Kap 248, trid titqies bhala azzjoni specjali li l-ghejjun taghha fil-bidu kienu mahsuba li jwettqu forma ta’ kontroll dwar dak li jinkiteb jew jigi imxandar fil-gurnali.

Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-harsien tal-fama tal-individwu minn dak li jinkiteb jew jinghad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-iehor fondamentali tal-esperessjoni hielsa ta’ fehmiet ta’ dak li jkun. L-azzjoni ta’ libel hija ghalhekk azzjoni eccezzjonali li wiehed idur ghaliha biss f’kaz fejn l-unur u l-gieh ta’ persuna jkunu gew imkasbin jew miftuha ghad-disprezz tal-pubbliku b’dak li jinghad jew jigi imxandar dwaru. Fil-qafas ta’ dawn il-parametri, u kif imfisra mill-aktar sentenzi aggornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwistjoni l-ghoti ta’ rimedju li jinghata taht azzjoni bhal din qieghed kulma jmur ixaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni hielsa. Il-htiega tal-harsien mill-ligi lill-unur u r-reputazzjoni ta’ persuna m’ghandux b’riflessjonijiet u induzzjonijiet bla qies johonqu l-espressjoni hielsa. (vide App Krim Inf 13.6.1985 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Mifsud Bonnici et vs Farrugia noe et.</u>**

Illi l-jedd tal-espressjoni hielsa kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, ukoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittjiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (liema artikolu huwa inkorporat fil-ligi taghna bid-disposizjoni tal-Att XIV tal-1987 (Kap 310 tal-Ligijiet ta’ Malta),

Dan jigbor fih il-jedd li kull persuna jkolha u zzomm fehmiet bla ndhil minn hadd u li tircievi minghand u tghaddi lil haddiehor idejat u taghrif bla ndhil. Minhabba li dan il-jedd igib mieghu dmirjiet u responsabilitajiet, ghandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-ligi u li jkunu

mehtiega f'socjeta demokratika. Fost dawk il-limitazzjonijiet wiehed isib il-harsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni ohrajn mill-effetti tal-ezercizzju tad-dritt tal-espressjoni hielsa ta' dak li jkun. (Ara kost. 15.5.1995 il-kawza fl-ismijiet **Grech vs Prim Ministru** Kollezz Vol. LXXIX.1.148).

Ma jistax jkun ghalhekk li l-Istampa u l-mezzi l-ohrajn ta' kuminkazzjoni ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet per ezempju fit-tmienja (8) ta' Lulju 1986 giet deciza il-kawza fl-ismijiet **Lingens vs Austria** u ukoll nhar is-sbatax (17) t'April 1991 giet deciza il-kawza fl-ismijiet **Oberschlick vs Austria**.

Ghalkemm huwa minnu li l-konvenut ghandu d-dritt u l-obbligu bhala gurnalist li jinforma lill-pubbliku dwar affarijiet ta' materja pubblika, hu ma jistax jiddefama r-reputazzjoni ta' persuna ohra billi jghid li hija temmen li fil-Partit Politiku li thaddan hija qed tghid li hemm il-Korruzzjoni u b mod partikolari li hemm zewg ministri involuti meta dan mhux minnu.

Biex tikkummenta fuq fatti, l-ewwel dawn il-fatti jridu jkunu sostanzjalment veri u verifikati dwar l-awtenticita taghhom.

Huwa facli li wiehed jaqbad u jitfa it-tajn lejn persuna u jirraporta hekk lil xi gurnalist, pero il-gurnalist ghandu jkollu is-sens u dover li jghamel il-verifiki tieghu qabel ma jippubblika dak li sema'.

Is-serjeta titlob li jkun hemm stharrig serju minn naha tal-gurnalist, qabel ma jaqbad u jitfa it-tajn ghaliex il-konsegwenzi jistghu jkunu serji.

Issa f'dan il-kaz jirizulta li l-konvenut kien iltaqa' mal-attur wara li kienu dehru fuq programm flimkien fuq l-istazzjon 'Smash' ghaliex fil-fehma tal-konvenut, hass li l-attur setgha kien aktar car meta tkellem fuq it-*television* w in oltre hass li kellu

xi haga x'jghidlu. Huma ghalhekk kienu ftiehmu li jiltaqghu is-'Seracino' gewwa H'Attard.

Illi waqt li kienu hemm it-tnejn flimkien, l-konvenut ighid li mieghu ammetta li fil-partit li ihaddan u cioe dak Nazzjonalista, kien hemm il-korruzzjoni w appuntu jkompli jelabora li sahansitra anke semmielu ministru George Pullicino bhala li kien qed jinxtara ghax ried xi flus biex ighaddi xi permess lil MEPA u lil Toni Abela.

Sussegwentment dan Joe Said iltaqa' mal-konvenut w irrepeta dak li allegatament kien qal l-attur.  Il-konvenut pero ma zammx din l-informazzjoni ghalih, izda xandarha fuq il-gazetta it-'Torca' fil-harga ta' nhar it-tlieta (3) ta' Frar 2008 proprju vicin l-elezzjoni generali.

Illi l-konvenut qatt ma jghid li huwa ghamel xi verifiki fuq dak li ntqal lilu jew ghamel xi ezami approfondit dwar jekk dak allegat kienx minnu jew le; qabad u kiteb dak li kien qallu l-istess Joe Said.

Kwantu ghall element intenzjonali, ma hux mehtieg li l-konvenut ikollu intenzjoni specifika. Dak li hu mehtieg hu li jigu pubblikati kliem li joffendu r-reputazzjoni tal-attur.

Skond il-*case law* Ingliza:-

*"If the defendant has published words which have in fact injured plaintiff's reputation, he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act."*

L-istess principji dwar l-element morali japplikaw fil-gurisprudenza Taljana fejn jinghad li:-

*"Il dolo nella diffamazione commessa col mezzo della stampa e' "in re ipsa", onde non e' da far ricerca sull'animo vero e proprio di diffamare".* Frola Delle Ingurie e Diffamazioni.

Il-konvenut ghalhekk f'dan il-kaz ma kienx qieghed jezercita d-dritt u l-obbligu tieghu bhala gurnalist li jinforma l-pubbliku u mar oltre billi xandar affarijiet inveritieri.

Il-Qorti tinnota wkoll li dan l-artikolu hareg ftit jiem qabel l-elezzjoni generali fejn l-attur kien kandidat mal-Partit Nazzjonalista w ghalhekk zgur li artikolu bhal dan in esami, kellu mpatt negattiv fuqu.

Ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' danni, dawn ghandhom jigu likwidati a proporzjon tal-gravita tal-ingurja tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Evidentement il-latidudini moghtija lill-istampa hielsa ghall-kritika u kummenti fuq materja t'interess pubbliku, fejn iktar ma hi gholja l-figura pubbliku fil-mira tal-gurnalist, iktar hija t-toleranza koncessa, iggib maghha minn naha l-ohra obbligu ikbar ta' cirkospezzjoni u ta' serjeta b'konsegwenza li fejn jirrizulta eccess tal-limiti koncessi, r-responsabilita ghal tali nfrazzjoni tkun ikbar.

Fil-kawza **Carmel Tonna vs Felix Tonna** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-trlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu 1993, il-Qorti kienet irriteniet li:-

*"L-azzjoni ta' libel, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b'gudizzju u cirkospezzjoni tenut kont tal-ingurja, il-gravita taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista tiggenera."*

Ghalhekk, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha ta' l-kaz, senjatament li l-attur kien ser jikkontesta l-elezzjoni generali u l-effett negattiv tal-pubblicita hazina, wara li hadet ukoll in konsiderazzjoni l-effetti hziena fuq il-karriera politika tal-attur, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-

> konvenut, tilqa it-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut Aleks Farrugia bhala Editur tal-gurnal ‘Kulhadd’, ihallas lill-attur in linea ta’ danni s-somma t’elfejn u hames mitt euro (EURO 2,500).
>
> L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu mill-konvenut.”

L-aggravji ewlenin tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza huma fis-sens infraskritt:-

(1) Is-sentenza ghanda tigi revokata ghaliex hu ma setax, u ma kellux, jigi misjub hati bhala editur tal-gurnal “KULHADD”;

(2) Hu wassal lill-qarrej informazzjoni ta’ interess generali u dak li nkiteb ma kienux implikazzjonijiet bla fondament imma rapportagg dwar x’intqal minn persuna li kellha parti attiva fil-hajja pubblika;

Il-Qorti qeghda mill-ewwel tispjana t-terren ta’ l-ewwel motiv ta’ aggravju in kwantu tirrikonoxxi illi l-izball fl-isem tal-gurnal fil-parti decizorja tas-sentenza hu wiehed merament minimu u manifest. Hu evidenti kaz ta’ *lapsus calami* materjali fl-isem tal-gurnal li m’ghandux jillegittima s-sanzjoni ultima u estrema tar-revoka mitluba tas-sentenza appellata;

Eliminat dan l-ewwel aggravju, huwa utli illi, ghall-ahjar inkwadrament tat-tieni motiv ta’ ilment, jigu qabel xejn riprodotti fil-qosor dawn il-fatti:-

1. Fil-harga tat-3 ta’ Frar, 2008 tal-gurnal “It-Torca” gie ppubblikat fl-ewwel faccata l-kontenut ta’ intervista li l-artikolist kellu ma’ certu Joe Said dwar diskors li jinghad li gie skambjat bejn din il-persuna u l-attur;

2. Fix-xhieda tieghu a fol. 13 l-attur jghid li hu hassu malafamat b’dik il-pubblikazzjoni ghaliex skond hu,

id-diskors illi “fil-Partit Nazzjonalista hemm prattici korrotti” ma ntqalx minnu. Fl-istess xhieda l-attur jikkonferma illi hu lill-Kummissarju tal-Pulizija kien tennielu kliem fis-sens illi fejn ikun hemm hjiel ta’ korruzzjoni jinsisti li jittiehdu passi;

2. A fol. 19 il-konvenut iddepona illi wara li segwa l-programm fuq Smash TV dwar l-andament ta’ l-amministrazzjoni tal-PN fil-Gvern, u li fih ippartecipaw fost ohrajn sew l-attur kif ukoll Joe Said, xi hadd laqqghu ma’ dan ta’ l-ahhar u kien dan li tgharraflu d-diskors imtenni attribwibbli lill-attur;

4. Ix-xhud Joe Said (fol. 52), prodott mill-konvenut, stqarr li fil-kors ta’ l-imsemmi programm televiziv saru accenni b’mod generali ghall-korruzzjoni fl-amministrazzjoni tal-Gvern u li xi zmien wara huwa u l-attur iltaqghu fil-post bl-isem “Seracino” fejn tkellmu dwar kwestjonijiet ta’ korruzzjoni u kien hawn li, skond ix-xhud, l-attur fada mieghu illi kienu jezistu prattici korrotti tal-PN fil-Gvern, tant li anke individwalu zewg membri tal-Gvern. L-istess xhud jiddikjara inoltre illi r-rapportagg fil-gurnal kien jikkorrispondi ghat-taghrif li hu nnifsu ghadda lill-konvenut;

5. L-attur ipproduca bhala xhud lil George Cremona, addett mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, biex dan jixhed dwar is-sahha mentali ta’ l-imsemmi Joe Said fis-sens li kien qieghed jircievi pensjoni ta’ l-invalidita` ghaliex kien ibati minn “depression” u kien taht kura psikjatrika;

6. Jinsabu esebiti fl-atti kopja ta’ stqarrija rilaxxjata minn Joe Said lill-Pulizija (fol. 30), traskrizzjoni ta’ telefonata bejn dan l-istess xhud u l-attur (fol. 57) u l-Affidavit guramentat ta’ l-istess Joe Said (fol. 60);

Premessi dawn il-fatti, wiehed jibda biex ighid illi huwa ta’ dominju pubbliku l-fatt illi fiz-zmien storiku tal-pubblikazzjoni kien hemm fil-pajjiz dibattitu vivaci dwar aspetti varji tal-korruzzjoni f’livelli diversi ta’ l-

amministrazzjoni pubblika. Kif kien mistenni, l-apici ta' dan l-istess dibattitu lahaq il-qofol tieghu fiz-zmien prossimu ghall-Elezzjoni Generali. Dan hu bil-wisq notorju u pacifiku in vista tad-diversi denuncji li f'dik l-istess epoka kienu qeghdin isiru lill-Pulizija Esekutiva ghal skop ta' investigazzjoni. In vista ta' dan ma huwa xejn straordinarju illi t-tema tal-korruzzjoni kienet, ghall-attwalita` taghha, materja informattiva ta' certa rilevanza fl-ambitu tal-hajja politika u socjali tal-pajjiz. Mhux allura eskluz aprioristikament illi l-attur u x-xhud Joe Said iddiskutew il-problema tal-korruzzjoni *ex-post facto* il-programm televiziv li fih tqajjem dan is-suggett u li fih huma kienu kompartecipi;

Issa fil-kontroversja li l-Qorti ghandha quddiemha hemm pubblikazzjoni miktuba mill-konvenut fejn hu mtenni illi l-attur, persuna politika, ikkummenta ma' Joe Said id-diskors aktar 'il fuq riportat fl-esposizzjoni tal-fatti. Diskors dan li dwaru l-attur jirribatti li ma ntqalx minnu u, anzi, jippretendi li kellhom l-iskop li jtellfuh jew inaqqsulu l-istima billi gew attribwi lilu fatti foloz;

Il-mezz difensjonali tal-konvenut huwa li dak li gie ppubblikat, u li minnu ilmenta l-attur, kien taghrif ta' interess pubbliku. Huwa apparenti minn dan illi l-appellanti jrid jaghmel rikjam ghal dak l-aspett tad-dritt tal-kronaka illi, kif tramandat mid-dottrina legali u mill-gurisprudenza, timporta illi fejn "*la conoscenza del fatto puo` avere rilevanza pubblica, o puo` essere di interesse pubblico che sia diffusa, il diritto di cronaca prevale sulla tutela della riservatezza*". Ara **Franzoni**, "**Le obbligazioni da fatto illecito**", Edizione Utet, 2004, pagna 177;

Huwa sew konoxxut illi l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ta' interess pubbliku ma jistax ghalhekk biss, ankorke bl-invokazzjoni tad-dritt tal-kronaka, jservi bhala skriminanti jekk mieghu ma jkunx ukoll akkoppjat ir-rekwizit tal-verita` sostanzjali tal-fatt addebitat. Tali rekwizit jimporta l-ezistenza tal-korrispondenza bejn il-fatt kif gara u l-fatt kif

inhu rakkontat. Mhux inopportun li jigi sottolinejat illi anke f'dan il-Qrati kellhom okkazjoni jirrilevaw illi mhux bilfors illi dan ir-rekwizit ghandu jinghata interpretazzjoni rigoruza zzejjed in kwantu jista' jassumi riljev anke l-izball. Koncettwalment, l-essenza u s-sustanza tal-kontenut ta' l-informazzjoni ppubblikata ghandu jkollha gheruq fil-verita tal-fatti, izda jista' jaghti l-kaz illi "*l'eventuale discrepanza tra il fatto narrato e quello effettivamente accaduto non esclude che possa essere invocata l'esimente, anche putativa, dell'esercizio di diritto di cronaca, quando colui che ha divulgato la notizia, pur avendo compiutamente adempiuto il dovere di controllo delle fonti da cui la ha appresa, abbia una percezione erronea della realtà*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 24 ta' Settembru 1997, Numru 9391**). F'dan ma hemm xejn innovattiv in kwantu anke l-Qrati taghna segwew dan l-istess principju evolut f'materja ta' libell, kif hekk ezemplifikat fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "**Joseph Mifsud -vs- Daphne Caruana Galizia**", 27 ta' April, 2001;

Aspett iehor li wiehed ghandu wkoll izomm in mira fl-ezami tal-pubblikazzjoni mill-ottika tar-rekwizit tal-verita` sostanzjali hu dan. In bazi ghad-dottrina Ingliza hu principju rikonoxxut anke mill-Qrati ta' dak il-pajjiz illi "kliem li ma jzid u ma jnaqqas xejn lill-imputazzjoni principali mhux punibbli anke jekk ma jigix pruvat". Ara "**Beltram Camileri -vs- Paolo Pace *nomine***", Appell Civili, 14 ta' Jannar 1955 fuq l-insenjament tal-**Gatley** "**On Libel and Slander**", u li, incidentalment, kienet titratta minn akkuza ta' korruzzjoni;

Premess dan, telegrafikament is-sentenza appellata tippuntella r-*ratio decidendi* taghha fuq id-deduzzjonijiet segwenti:-

i. Il-fatti rakkontati huma inveritjieri;
ii. Ma sarx stharrig serju mill-gurnalist qabel ma ppubblika dak li qallu Joe Said;

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-ewwelnett illi fuq l-ebda wahda minn dawn id-deduzzjonijiet ma giet offerta mill-Qorti tal-Magistrati spjegazzjoni plawsibbli l-ghala, skond il-fehma taghha, il-fatti allegati ghandhom jitqiesu inveritjieri u x'ricerka kellu jaghmel il-konvenut biex jikkontrolla l-veracita tad-diskors senjalat lilu mix-xhud Joe Said;

L-ewwel Qorti donnha accettat *sic et simpliciter* l-izmentita guramentata ta' l-attur illi hu, il-kliem attribwibbli lilu, ma qalux mentri fl-istess waqt skartat id-dikajrazzjoni guramentata tax-xhud Joe Said, konfermanti d-diskors divulgat fil-pubblikazzjoni.  Frankament, din il-percezzjoni mill-ewwel Qorti mhix accettabbli minn din il-Qorti in kwantu ma tarax ghaliex kellha tigi emnuta l-versjoni wahda u skartata l-versjoni l-ohra jekk anke din, oggettivament, u mill-kumpless tal-fatti istruttorji, kienet hekk ukoll possibbli u verosimili;

Ukoll jekk dan ma tghidux espressament, huwa sintomatiku illi l-Qorti Inferjuri kienet, ftit jew wisq, influwenzata mill-prova fornita fil-gudizzju mix-xhud George Cremona, prodott mill-attur, dwar il-kondizzjoni psiko-socjali tax-xhud Joe Said, u li dwarha l-attur ghamel insistenza kemm fir-risposta ta' l-appell tieghu kif ukoll fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti.  Hawnhekk, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi din id-divulgazzjoni fl-atti processwali tad-data personali sensittiva ta' sahhet ix-xhud Joe Said, sottratta minn dokument tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, tikser id-dritt tal-privatezza u tal-kunfidenzjalita` tal-persuna tutelata bl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kapitolu 440).  Dan, aktar u aktar, meta dik l-informazzjoni inghatat minghajr il-kunsens esplicitu tal-persuna li fil-proceduri lanqas biss kienet parti.  Apparti li informazzjoni ta' din in-natura lanqas biss kellha tithalla tinghata, huwa ovvju illi l-vera intenzjoni ghall-produzzjoni taghha kienet dik li tittanta ccajpar l-integrita tax-xhud u li tadombra l-affidabilita` u l-attendibilita tad-dikjarazzjonijiet tieghu.  Din it-tattika, ghallanqas ghal din il-Qorti, thallilha toghma li ma

tawgurax wisq tajjeb biex takkorda precedenza gerarkika u affidabbli lill-versjoni ta’ l-attur fuq dik tax-xhud;

Anke indipendentement minn dan, mill-vizjoni komplessiva ta’ l-atti, din il-Qorti ghandha l-konvinzjoni morali illi, tabilhaqq, bejn il-partijiet gie skambjat diskors dwar il-polemika tal-korruzzjoni u, ankorke, *gratia argomenti*, il-kliem setghu ma kienux ghal kollox precizi u ezatti ghal dawk finalment ippubblikat, l-istess, il-Qorti ma ssibx lill-konvenut hati ta’ ebda addebitu libelluz kontra l-attur ghaliex, fuq il-fehma taghha, il-fatti principali indikati fil-pubblikazzjoni gew sostanzjalment ipprovati, u dan ukoll wara li l-konvenut kien assikura ruhu mill-ezistenza tal-fatti kif jiddixxendu mill-istqarrija lill-Pulizija, it-traskrizzjoni tat-telefonata u l-Affidavit guramentat tax-xhud Joe Said;

Il-Qorti qeghda zzomm prezenti wkoll illi l-konvenut zamm ruhu entro l-konfini stretti li jippubblika taghrif ta’ importanza pubblika attwali minghajr zieda ta’ kummenti ta’ gudizzju ta’ dizvalur fuq il-karattru ta’ l-attur. Dan qieghed jigi rilevat in kwantu hu wkoll rekwizit illi l-artikolist ghandu jesponi l-fatti fil-forma mizurata u ta’ l-ispazju limitat, minghajr aggunti ta’ opinjonijiet jew valutazzjoni personali. Fuq nota ta’ l-ahhar ikollu jinghad illi, ankorke seta’ jezisti stat ta’ incertezza jekk il-kliem iddikjarati ntqalux fil-mod riportat jew bi kliem differenti, id-dubju m’ghandux imur favur l-attur u kontra l-konvenut, ankorke l-parti attrici nsistiet assidwament u ripetutament fuq il-kondizzjoni psikika tax-xhud li mill-intervista mieghu tnisslet il-pubblikazzjoni;

Il-Qorti jidhrilha li tista’ taghlaq bis-sunt segwenti kaptat mis-sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** tal-**25 ta’ Frar, 2002, Numru 2733**:-

“*In tema di diffamazione a mezzo stampa, la condotta del giornalista che, pubblicando il testo di un'intervista, riporti dichiarazioni del soggetto intervistato*

*lesivo dell'altrui reputazione, non puo dirsi illecito quallora il fatto in se dell'intervista, in relazione alla qualita` dei soggetti coinvolti, alla materia in discussione ed al piu` generale contesto in cui le dichiarazioni sono state rese, presenti indiscutibili profili di interesse pubblico all'informazione, tali da prevalere sulla posizione soggettiva del singolo, e tali da giustificare, per l'effetto, l'esercizio del diritto di cronaca*".

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mill-attur appellat, salv ghar-rigett ta' l-ewwel aggravju li l-ispejjez tieghu jitbatew mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------